# L-IKLIN

Josef Mario Briffa

## L-Għaqda tan-Nar ta' San Mikiel

Fil-ħarġa li għaddiet, ktibt dwar il-kappella ta' San Mikiel li tinsab fuq l-għolja tas-Simblija. F'din il-ħarġa, se mmur biss tefgħa ta' ġebla 'l bogħod biex naraw il-fabbrika tan-nar, u nagħti daqqa t'għajn lejn l-istorja ta' l-Għaqda tan-Nar.

### FUQ IL-BORĠ

Biex nifhmu it-tnissil taċ-*Circolo San Michele*, se nipprova noħloq l-atmosfera li fiha beda. Immorru flimkien fis-seklu l-ieħor, propju fl-1880, fil-ħanut ta' Ġanni ta' Ċunu li kien jinsab fuq il-Borġ f'Ħal Lija. Fit-tlett snin ta' qabel, kienu ġew iffurmati żewġ każini (*iċ-Ċircolo Giovane Liense* u *ċ-Circolo San Andrea*) biex jieħdu ħsieb iżejnu l-inħawi tagħhom għall-festa tas-Salvatur, li kienet ħadet spinta 'l-quddiem minn mindu kienet saret l-istatwa tas-Salvatur fl-1894. Għalhekk, grupp ta' ħbieb li kienu jmorru jbillu griżmejhom f'dan il-ħanut, ħasbu biex jiffurmaw għaqda sabiex iżejnu l-inħawi ta' fuq il-Borġ. Minħabba fin-niċċa ta' San Mikiel, li kien hemm (u għad hemm) fi Triq Merino, il-każin ħa l-isem ta' San Mikiel. Fost l-ewwel membri jissemmew Wiġi, Martin u Ġużeppi Fuħi, kif ukoll Mikiel iz-Zakku, li għamel żmien president ta' l-ewwel każin, li aktarx kien f'numru 5 Triq Merino. L-ewwel biċċa tiżjin li saret kienet l-istatwa ta' Elija li sa llum għadha tintrama fuq il-Borġ fi żmien il-festa.

Xi żmien wara, il-każin mar f'numru 26 Triq Merino. Minn dan iż-żmien għandna l-istatwa ta' San Mikiel: l-istatwa li nħadmet il-Qrendi, u swiet ħames liri. Ġabar għaliha Peppi Baldacchino (Sardina), filwaqt li l-pedistall inħadem fil-każin stess minn Ninu Fenech, ta' Feliċa. Xi snin wara, il-każin reġa' bidel posta u mar faċċata fejn baqa' sa l-1970.

### ĦIDMA TAL MURTALI

Meta beda joqrob id-dsatax-il ċentinarju mit-Trasfigurazzjoni tal-Mulej, li kellu jaħbat fl-1932, il-każin ħaseb biex jibda Għaqda tan-Nar. Fl-1925, Salvu Fenech, (ta' l-imbid), ħa l-inizjattiva biex tinbena il-Kamra tan-Nar. Intalab il-premess tal-Kappillan biex il-Kamra tinbena fl-għalqa biswit il-kappella ta' San Mikiel. Rġiel u żgħażagħ mir-raħal għenu biex naddfu t-terrapien, filwaqt li Selmu Borġ kien iġorr il-ġebel bil-ħmara tiegħu. Il-kuntrattur Karmenu Xerri, (il-Fifru), kien jibgħat xi nies minn tiegħu biex jaqtgħu l-blat, u ta wkoll il-bibien għal xi kmamar. Il-Kamra tan-Nar inbniet minn bennejja mir-raħal stess, u wieħed minnhom, Salvu Fenech (il-Paqqu), meta kien qed jibni il-kamra li fiha jinżamm il-mehrież biex ifarrak il-polvri, kien qal; "Qiegħed nibni l-forka għat-tfal tar-raħal". Ta' min jinnota li meta nsemmu Kamra tan-Nar, mkunu qed nirreferu għal numru ta' kmamar sabiex b'hekk jitnaqqas xi ftit il-periklu.

Jum li ma jintesiex minn dawk li għandhom 'al qalbhom l-Għaqda tan-Nar huwa t-13 ta' Lulju, 1929. Dak in-nhar filgħaxija, għal ħabta tat-tminja, waqt li kienu qed iħalltu l-porvli, dan ħa n-nar u seħħet spużżjoni. Ta' din it-traġedja, il-vittmi kienu: Salvu Fenech, (ta' l-Inbid), ta' 38 sena u Luiġi Sciberras ta' 20 sena. Il-kappillan, Dun Anton Buhaġiar, flimkien man-nies tar-raħal, tela' jara x'ġara. Il-kappillan qarar u qarben il-vittmi, u tahom il-griżma tal-morda. Salvu Fenech miet dak in-nhar stess ftit wara, filwaqt li Luiġi Sciberras miet nhar it-18 ta' Lulju. Bħala tifkira ta' din it-traġedja li niktet ir-raħal kollu, twaħħlet lapida fil-bidu ta' Triq il-Kbira, (illum Triq Sir Ugo Mifsud), mal-ġenb tal-Palazz l-Aħmar.

Fit-tlett snin li kien fadal għaċ-Ċentinarju, iċ-*Circolo* imtela' bil-kuraġġ. Inxtraw pilandi għall-festa u tiżjin ieħor. Inġieb minn barra espert fil-piroteknika, il-Professur Gaffarelli; id-dilettanti tan-nar ħadmu miegħu u tgħallmu ħafna minnu. Fost dawn jissemmew Daniel Sammut, (il-Keziz), u Antonio Camilleri, (il-Laċita).

*(Jissokta)*



Il-kamra tan-nar "San Mikiel" ħdejn il-kappella